# L-ISTATWA TITULARI TA' SANTA MARGERITA – 125 SENA FOSTNA



Dun Joe Calleja

Din is-sena jaħbat għeluq il-mija u ħamsa u għoxrin sena mill-miġja tal-istatwa titulari ta' Santa Margerita Verġni u Martri - statwa devota u tant għal qalb is-Sannatin. Jixraq għalhekk li nfakkru din il-ġrajja billi ngħidu xi ħaġa dwar l-istorja tal-istatwa titulari ta' Santa Margerita li tinsab fil-knisja Ta' Sannat.

## L-Ewwel Statwa Titulari



*Karlu Darmanin*

L-ewwel statwa titulari ta' Santa Margerita għall-parroċċa ta' Sannat mhijiex dik li naraw illum. L-ewwel statwa ġiet ordnata mill-Kappillan Dun Franġisk Borg għand wieħed mill-aqwa statwarji Maltin ta' dak iż-żmien - Karlu Darmanin (1825-1905). Fil-bidu tas-sena 1863 ix-xogħol fuq l-istatwa kien diġà kważi mitmum għax Darmanin tħallas 300 skud tax-xogħol li kien għamel (Arkivju Parrokkjali Sannat. Conti,14,168r). Fl-istess żmien kien sar ukoll ħlas lill-Mastru Lwiġi Caruana għall-pedestall tal-istess statwa. Nhar is-7 ta' Mejju 1863, din l-istatwa inġabet mill-Port il-Kbir sal-Imġarr t'Għawdex. L-ispiża għat-trasport kienet ta' 10 skudi. Mill-Imġarr tgħabbiet fuq karettun kbir li kien jintuża biex iġorr il-ġebel u ttieħdet lejn il-knisja parrokkjali Ta' Sannat. L-Isqof Gaetano Pace Forno ta indulġenza ta' erbgħin jum lil kull min jgħid Missierna, Sliema u Glorja quddiem din ix-xbieha. L-istatwa baqgħet esposta sal-festa, li dik is-sena ħabtet nhar is-26 ta' Lulju 1863. Dakinhar ħarġet proċessjonalment għall-ewwel darba fost l-isparar tal-murtali, id-daqq tal-banda u l-ferħ ta' tant Sannatin.

## It-Tmiem tal-Ewwel Statwa Titulari

Fid-19 ta' Jannar tas-sena 1890, l-Isqof Giovanni Maria Camilleri għamel l-ewwel Viżta Pastorali tiegħu fil-parroċċa Ta' Sannat. Xi ħadd maħkum sew mill-ideat puritani li kienu mxerrda f'dawk iż-żminijiet, waħħal f'moħħ l-Isqof li l-istatwa ta' Santa Margerita li kien għamel Darmanin ma kinitx dekoruża biżżejjed u għalhekk l-Isqof ordna biex issir statwa oħra (AEG, VP (1889-90) 51r). Din l-istatwa ħarġet għall-aħħar darba proċessjonalment fl-1890. Mal-wasla tal-istatwa l-ġdida, din l-istatwa ġiet abbandunata fil-kampnar bil-ħsarat fiha dejjem jikbru. Fis-sena 1926, l-Arċipriet Ġużeppi Cassar ġietu l-idea li jirranġa l-istatwa ta' Darmanin biex tintuża fil-festi esterni. Għalhekk ħa din l-istatwa ta' Darmanin bil-ħsarat kollha li kien fiha għand l-istatwarju Wistin Camilleri biex jirranġaha. Wistin Camilleri stess kien jirrakkonta kif Mons. Ġuzeppi Farrugia, li kien għadu kif spiċċa minn Arċipriet Ta' Sannat u ġie maħtur Monsinjur, inzerta kien għaddej minn ħdejn il-ħanut ta' Wistin u ra l-istatwa antika ta' Santa Margerita li kien għamel Darmanin. Staqsa għaliex din kienet tinsab hemm u Wistin qallu li kien ser jirranġaha biex tibda tintuża għal barra. Dlonk Mons. Farrugia qal lil Wistin biex ma jirranġaha xejn iżda jagħmel statwa ġdida, għax kien lest li jħallasha hu. L-istatwa li saret minn Wistin Camilleri u li tħallset minn Mons. Farrugia żżanżnet fis-sena ta' wara, jiġifieri fl-1927 kif tixhed plakka li kienet mwaħħla ma' din l-istess statwa. Dak li kien fadal mill-istatwa ta' Darmanin baqa' fil-ħanut ta' Wistin u sakemm Wistin kien għadu ħaj, wieħed kien għadu jista' jara r-ras tal-istatwa mwaħħla mal-ħajt fil-ħanut fejn kien jaħdem.

## It-Tieni Statwa Titulari

L-istawa l-ġdida ġiet ordnata fis-sena 1890 skont kif ordnat fil-Vista Pastorali. L-għażla waqgħet fuq id-ditta *Galard et Fils Statuaire* ta' Marsilja. Din id-ditta kienet popolari ħafna dak iż-żmien, speċjalment f'Għawdex. Minnha ħarġu bosta mill-istatwi titulari tal-gżira tagħna. Raġuni probabbli tal-għażla ta' ditta minn Marsilja kienet in-numru kbir ta' Għawdxin li f'dawk iż-żminijiet kienu jemigraw lejn Marsilja u li raw ix-xogħol sabiħ li kienet tagħmel din id-ditta.



*L-istatwa l-ġdida ta' Santa Margerita fil-knisja.*

## Id-Ditta *Galard et Fils*

Id-ditta *Galard Statuaire* bdiet tagħmel l-istatwi fil-bidu tas-seklu 19. Sas-seklu 18, l-istatwi kienu ġeneralment jinħadmu fl-injam. Dan mhux biss fi Franza iżda kullimkien. Fi Franza r-Rivoluzzjoni għamlet ħsarat kbar fil-knejjes u nqerdu u nsterqu eluf t'oġġetti sagri, fided, pittura, statwi u ħafna ħwejjeg oħra. Wara r-rivoluzzjoni, bdew jippruvaw jerġgħu jagħmlu dawn l-opri fil-knejjes. L-istatwi fl-injam però kienu jiswew ħafna u għalhekk bdew jiġu ordnati aktar statwi magħmulin minn dak li aħna nsejħu l-kartapesta; jew ta' materjal ieħor kompost minn ġibs u materjali oħra mħalltin miegħu. F'dan il-każ l-istatwi kienu jsiru fil-forom u jiġu jiswew ħafna inqas. F'Marsilja, li kienet magħrufa għal dan ix-xogħol, inħolqu ditti bħal *Honore Corder* (1784-1845), *François Bernard* (1838-1908) u *Galard Statuaire*. F'din id-ditta msemmija fl-aħħar naraw żewġ perijodi; iż-żmien tal-missier li kien il-fundatur (1803-1868) u ta' wliedu (1826-1905). Hu għalhekk li kultant insibuha msemmija wkoll bħala *Galard et Fils*. Wieħed minn dawn l-ulied kien Galard Raymond li kien jaħdem bejn is-snin 1875 u 1905. Għalhekk jista' jkun li l-istatwa ta' Santa Margerita li saret f'dan il-perijodu nħadmet minnu.

## L-Istatwa ta' Santa Margerita tasal f'Għawdex

L-istatwa waslet Għawdex fil-bidu tas-sajf tas-sena 1891 flimkien ma' statwa oħra ta' San Franġisk meqjuma fil-knisja ta' San Frangisk fir-Rabat. Ġew imberkin fl-istess knisja nhar il-21 ta' Lulju 1891 mill-Isqof Giovanni Maria Camilleri. Nhar l-24 ta' Lulju, li kien il-jum tal-Ġimgħa ta' qabel il-festa, l-istatwa ttieħdet proċessjonalment lejn il-knisja Ta' Sannat fost il-ferħ tas-Sannatin. L-istatwa għaxxqet lil kulħadd bil-ġmiel tagħha. Hi turi lill-qaddisa b'ħarsa serena, miexja lejn il-martirju waqt li tħares 'il fuq lejn is-sema u f'idejha ġġorr is-simboli tal-martirju tagħha; il-palma turija tar-rebħa, is-salib tal-fidi li ħaddnet, il-ħamiema li hi l-qawwa tal-Ispirtu fil-mument tal-martirju u d-dragun simbolu tax-xitan li fuqu għamlet ir-rebħa.

Dik is-sena l-festa saret bil-kbir. Nhar il-Ħadd 26 ta' Lulju l-Isqof assista għall-Quddiesa solenni minn fuq it-tron u waqt il-purċissjoni bl-istatwa l-ġdida kienu sparati murtaletti ħomor. (APS, CO.20.72)



*Waqt purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Margerita. Żgur li dan ir-ritratt ittieħed qabel is-snin 30.*

Fl-ewwel snin l-istatwa baqgħet toħroġ fuq il-pedestall li kien sar għall-ewwel statwa titulari. Fis-sena 1915 sar pedestall ferm isbaħ fuq disinn tas-Sur Giuseppe Tonna. Fis-snin tletin saret id-dekorazzjoni bl-isgraffjar u l-induratura fuq l-istatwa mill-induratur u dekoratur Wenzu Gafà mill-Birgu. Din is-sena fl-okkażjoni tal-125 sena mill-miġja tal-istatwa sar xogħol ta' tindif fuq l-istess statwa minn Michael Camilleri Cauchi. Ġew ibbanjati bid-deheb ir-raġġiera, il-palma, is-sandli, iċ-ċinturin u l-faxxa tal-fidda li ddawwar is-salib li qiegħda żżomm f'idejha.